**Laqgha Numru 11/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Il-Hdax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 27 ta' April 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.45 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava **(li wasal fis-6.00pm)** u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Joe Brincat kien skuzat minhabba li kien indispost.**(Ara Dok. L)**

Ghall-parti mill-laqgha kienet prezenti ukoll l-Accountant Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-19 ta' April 2011. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 10/K6/2011.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 10/K6/2011.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Kwotazzjoni 21/2010, Tender 01 sa 04/2011, Kwotazzjoni 01 sa 13/2011 u Bridge Loan.**
- **10. Hrug t'offerti li jaghlqu nhar l-ahhar ta' Novembru 2011.**
- **11. Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2011.**
- **12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **13. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 10/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 10/K6/2011 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

1.04. Il-Minuti gew approvati.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 10/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 10/K6/2011** item 8.03 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ghamel riferenza ghall-laqgha li saret nhar it-Tlieta 5 ta' April 2011 mas-sur Philip Galea ta' Mc Donalds fejn dan ta' l-ahhar qed joffru li jaghmlu zjara waqt l-open day, fejn dawn qed jiehdu grupp ta' hames persuni u jdumu 15 il-minuta kull grupp u wara jinghataw ikla b'xejn, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill ghad m'ghandux informazzjoni ta' meta ser isir din l-attivita'.

2.02. B'riferenza ghall-**Minuti 10/K6/2011** item 8.06 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal ukoll li l-kumpanija tal-Mc Donalds lesti wkoll li jghinu lill-lokal bi sponsors f'inizjattivi li jista' jiehu l-Kunsill, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill, li l-Kunsill kien ircieva email (Rif: 46/2118/11/I) minghand is-sinjur jinforma lill-Kunsill biex jipprovdi lista t'attivitajiet li l-Kunsill jixtieq jorganizza. Il-kelliem irrefera ghax-xoghol ta' embellishment mahsub li jsir fil-Gnien ta' San Patrizju fejn ippropona li l-Kunsill jitlob lill-kumpanija li tmexxi l-Mc Donalds biex tisponsorja xi xoghol f'dan il-gnien.

2.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li jsir xoghol ukoll fil-fetha li hemm fi Triq l-Imhallef William Harding. Il-kelliema rrakkomandat li l-Kunsill ma jintrabatx ma' post specifiku. Il-kelliema qalet ukoll li dan ma jfissirx li ma taqbilx li jsir xoghol f'San Patrizju izda rrimarkat li hemm zoni ohra fil-lokal li huma aktar fil-bzonn.

2.05. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutat kontra.

2.06. Il-mozzjoni ghaddiet.

2.07. B'riferenza ghall-**Minuti 10/K6/2011** item 8.08 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fid-9 ta' Mejju, Jum l-Ewropa, il-Kunsill jorganizza attivita' fil-lokal anke bl-involviment ta' l-iskejjel tal-lokal, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kiteb mill-ewwel lill-Ufficcju Ewropa rigward din l-inizjattiva u l-Kunsill ircieva risposta fejn gie nfurmat li huma ser jorganizzaw Jum l-Ewropa izda lesti li jaghtu xi materjal lill-Kunsill biex jitqassam.

2.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li din l-attivita' ghandha ssir il-Hadd 8 ta' Mejju minflok it-Tnejn 9 ta' Mejju fejn titpogga mejda biswit l-entratura tal-Knisja minn fejn jitqassam il-materjal li ser ikun provdut il-Kunsill. Il-kelliema qalet li kienet ser tiehu hsieb kollox hija.

2.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li huwa mhux ser ikun jista' jattendi minhabba mpenji ohra.

2.10. B'riferenza ghall-**Minuti 10/K6/2011** item 10.01 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li rigward it-Tender 01/2011 dwar Removal & Cart Away of Palm Trees, kellu jsir ezercizzju sabiex jigi identifikat il-valur tax-xoghol li hemm bzonn biex eventwalment jintalab il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jintuzaw il-fondi Ring Fenced ghal dan il-ghan, is-Sindku Joe Zammit qal li wara spezzjoni li

ghamel flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, jirrizulta li l-palm li hemm bzonn li jitnehha jinsab fi Triq Alamein x 1 (3 metri), wara l-Australia Hall x 1 (6 metri), biswit l-iskola San Miguel x 2 (4 metri u 2 metri), fi Triq Patri Indri Vella x 7 (1 metru l-wahda), wara l-Verdala International School x 1 (3metri), quddiem il-Palm House x 1 (1 metru), biswit Juno Flats x 1 (4 metri), fil-picnic area x 1 (2 metri) – total ta' 15 il-palma - (Korrispondenza rif. 46/2411/11/I).

2.11. Fil-5.55 pm is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 11 tigi diskussa qabel l-item 3.

2.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.13. Il-Kunsill qabel unanimament

## 11. Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2011.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit stieden lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tispjega l-emendi li saru fil-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2010.

**11.02. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fis-6.00pm.**

11.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statement ghas-sena 2010 kif ipprezentat. **(Ara Dok. A)**

11.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.06. Is-Sindku Joe Zammit stieden lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tispjega r-Rapport Finanzjarju ghall-perjodu Jannar – Marzu 2011.

11.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ghall-perjodu Jannar – Marzu 2011 kif ipprezentat. **(Ara Dok. B u C)**

11.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

***11.10. Fis-6.05pm, l-Accountant Romina Perici Ferrante talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra.***

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 31/2011** b'rapport tal-laqgha dwar is-suq etniku **(Ara dok. D); Internal Memo 32/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Spinach Fitness Club **(Ara dok. E); Internal Memo 33/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Perit Antoine Gatt **(Ara dok. F); Internal Memo 34/2011** b'rapport tal-ftuħ ta' Tender 02, 03, 04/2011, kwotazzjonijiet 12 sa 13/2011 u Faċilita' ta' Loan **(Ara dok. G); Internal Memo 35/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 10/K6/2011 u 11/K6/2011 **(Ara dok. H); Internal Memo 36//2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 10/K6/2011 u 11/K6/2011 **(Ara dok. I)** u Flyers konnessi mal-loghob tal-UEFA Champions League **(Ara dok. J u K).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien attenda ghall-laqgha organizzata mill-Ufficcju Ewropa biex jiltaqghu Kunsilli ma' l-NGO. Il-kelliem qal ukoll li l-ghan ta' dan is-seminar kien biex l-ghaqdiet voluntiera jahdmu mill-qrib mal-Kunsilli Lokali Maltin. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa flimkien mal-Kunsillieri Evelyn Vella Brincat, Joe Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kienu attendew ghas-seminar organizzat mis-Segretarjat Parlamentari ta' l-Onor. Dr. Chris Said rigward Festa Gemellaggi. Finalment il-kelliem ghamel riferenza wkoll ghall-prezentazzjoni li saret fil-Kunsill minn kumpanija Spanjola Electro Solar dwar Progett ta' PV's u li flimkien mieghu kienu prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Joe Brincat u l-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li ghaddew saret laqgha wkoll mas-sur Charles Cesare mill-Ministeru ta' l-Onor. Ministru G. Pullicino dwar il-holqien tal-mixtla. Il-kelliem qal ukoll li kellu komunikat ma' l-Onor. Ministru Dolores Cristina dwar il-proposta tal-Kunsill biex isir parkegg biswit l-iskola primarja fi Triq Gabriele Henin fejn qal li nfurmatu li ser taghmel vista fuq il-post.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-7 u s-27 ta' April 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/1720/11/I**<br>21/03/2011 | Kwotazzjoni minghand Infinite Fusion Technologies sabiex jigi nstallat Universal Wireless Receiver ghall-prezz ta' €175.00 eskluz il-VAT. |
| **46/2498/11/I**<br>25/04/2011 | Kwotazzjoni minghand Technology Advanced ghall-provvista ta' wireless receiver u wireless remote control ghall-prezz ta' €377.60. |
| **46/2499/11/I**<br>24/04/2011 | Kwotazzjoni minghand Techno World ghall-provvista ta' wireless receiver u wireless remote control ghall-prezz ta' €507.40. |

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1720/11/I, 46/2498/11/I u 46/2499/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l-kwotazzjoni ta' Infinite Fusion Technologies abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza.

6.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk il-kwotazzjonijiet kienux l-istess.

6.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sa fejn jaf huwa d-ditta provduta m'humiex l-istess izda jaghmlu bazikament l-istess funzjoni.

6.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-process jinten minhabba li l-Infinite Fusion Technologies ma gewx mitluba jergghu jissottomettu kwotazzjoni gdida.

6.07. Is-Sindku Joe Zammit sahaq li ma kienx hemm htiega li l-Infinite Fusion Technologies jissottomettu stima gdida meta diga kienu baghtu wahda lill-Kunsill. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-Kunsill lanqas biss kellu l-bzonn li jigbor aktar kwotazzjonijiet minhabba li setghet tinhareg b'Direct Order peress li l-valur ma' jaqbizx il-€1,165.

6.08. Fid-dawl tal-kummenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka li huwa kien ghamel dak mitlub mil-Kunsill bl-akbar integrita u rrakkomanda lill-Kunsill li jekk hemm xi dubju, is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsill ghandhom jikkonsidraw li jigu rifjutati l-kwotazzjonijiet kollha u jingabru offerti godda. Il-kelliem qal li huwa ma kellu ebda nteress fil-process kollu u ghalhekk ma kellu ebda diffikulta li jergghu jingabru kwotazzjonijiet godda.

6.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li ix-xoghol sar bl-akbar integreta u onesta mis-Segretarju Ezekuttiv kif mitlub mill-Kunsill u zied li ma jarax ghala ghandhom jerghu jingabru kwotazzjonijiet. Il-kelliem ghadda l-mozzjoni ghall-vot kif proposta minnu.

6.10. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

6.11. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

6.12. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.13. Is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li minn issa l-quddiem meta jkun hemm kazijiet simili ta' xiri t'affarijiet, ghandhom jingabru kwotazzjonijiet minghand il-kumpaniji kollha li hemm fuq il-Yellow Pages. Il-kelliem rrimarka wkoll li jispera li ma jigiex xi Kunsillier jixli lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-iskrivana li qed jahlu l-hin biex ifittxu ndividwi jew kumpaniji ghal diversi servizzi li jkun hemm bzonn minn zmien ghal zmien.

**46/1997/11/I** 04/04/2011 — Email minghand l-AKL fejn baghtu kopja t'ittra li rcievew minghand Electro Waste Malta Ltd. fejn holqu sistema fejn darba fil-gimgha trakk awtorizzat mill-MEPA jigi fil-lokal u jigbor il-boroz bil-hwejjeg.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1997/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintbaghat cirkulari lir-residenti ta' Pembroke biex isir uzu minn dan is-servizz halli l-hwejjeg li jingabru jinghataw lill-ghaqdiet filantropici kif indikat fl-email.

6.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat izda ziedet li qabel issir din l-inizjattiva, il-Kunsill ghandu jiltaqa' ma' din il-kumpanija halli l-Kunsill ikun jaf kif jahdem dan is-servizz.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2118/11/I** 07/04/2011 — Ittra minghand il-Manager ta' Mc Donalds Bay Street jitlob li l-Kunsill jipprovdilu pjan t'attivitajiet u ncentiv li ghandu l-Kunsill ghal din is-sena.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2118/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2140/11/I** 07/04/2011 — Ittra minghand l-STC jitolbu l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jinzabru sigar li hemm fil-passagg pubbliku li hemm l-STC u Sprachcaffe minhabba li iwaqqghu hafna weraq fuq il-bjut kif ukoll sabiex jinzebghu l-parking bays li hemm fil-parkegg pubbliku li hemm wara l-iskola.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2140/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel ix-xoghol konness tal-marki tal-parkegg kif ukoll li dwar iz-zbir tas-sigar ghandu jintalab il-parir tad-Dipartiment dwar jekk huwiex obbligu tal-Kunsill li tinzabar din is-sigra.

6.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2158/11/I** 08/04/2011 Ittra minghand Rebel Riders Brotherhood fejn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex nhar il-Hadd 15 ta' Mejju jaghmlu uzu mill-Ex Parade Ground sabiex jiltaqghu qabel jibdew is-16 il-Charity Ride 2011.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2158/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli responsabbli minn Sports ippropona li jinghata l-permess ghal din l-attivita' kif ukoll li jigu nfurmata li jista' jaghti l-kaz li jkun beda x-xoghol fuq il-progett tal-Park and Ride.

6.22. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2202/11/I** 11/04/2011 Stima minghand MED Developers Designers & Consultants Ltd. ghall-installazzjoni ta' lampa fi Triq Patri Indri Vella (W025) ghall-prezz ta' €270.00.

**46/2203/11/I** 11/04/2011 Stima minghand MED Developers Designers & Consultants Ltd. ghall-installazzjoni ta' lampa fi Triq Cassino ghall-prezz ta' €512.00.

**46/2204/11/I** 11/04/2011 Stima minghand MED Developers Designers & Consultants Ltd. ghall-installazzjoni ta' lampa fi Trejqet Patri Odorik Grima ghall-prezz ta' €536.00.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2203/11/I u 46/2204/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn l-istimi ghandhom jitnizlu fil-lista pendenti ta' xoghlijiet ghal provvista ta' dawl li ghandu l-Kunsill.

6.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2202/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-lampa ta' Triq Patri Indri Vella ghandha tigi ordnata. Il-kelliema pproponiet li l-Kunsill ghandu jivverifika jekk il-Korporazzjoni Enemalta tipprovdiex shades fuq in-naha ta' barra tal-lampi tad-dawl minhabba li l-kuntrattur tal-Kunsill, Mica Med Ltd., qed jghid li ma jaghmilhomx.

6.28. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-lampa li ser tinqala' ghandha tigi nstallata fil-passagg ta' bejn Triq Jum Pembroke u Triq Sir Luigi Preziosi.

**46/2227/11/I** 12/04/2011 Email minghand il-Kunsill Lokali Balzan bir-regolamenti dwar rikonoxximent li jaghtu lill-persuni fil-lokal.

**46/2239/11/I** 12/04/2011 Email minghand il-Kunsill Lokali Nadur bir-regolamenti dwar rikonoxximent li jaghtu lill-persuni fil-lokal.

**46/2245/11/I** Email minghand il-Kunsill Lokali Mgarr bir-regolamenti dwar rikonoxximent

| | |
|---|---|
| 12/04/2011 | li jaghtu lill-persuni fil-lokal. |
| **46/2258/11/I** 12/04/2011 | Email minghand il-Kunsill Lokali Hamrun bir-regolamenti dwar rikonoxximent li jaghtu lill-persuni fil-lokal. |
| **46/2259/11/I** 12/04/2011 | Email minghand il-Kunsill Lokali Sannat bir-regolamenti dwar rikonoxximent li jaghtu lill-persuni fil-lokal. |
| **46/2260/11/I** 12/04/2011 | Email minghand il-Kunsill Lokali Birzebbuga bir-regolamenti dwar rikonoxximent li jaghtu lill-persuni fil-lokal. |
| **46/2338/11/I** 15/04/2011 | Email minghand il-Kunsill Lokali Xewkija bir-regolamenti dwar rikonoxximent li jaghtu lill-persuni fil-lokal. |
| **46/2339/11/I** 15/04/2011 | Email minghand il-Kunsill Lokali Qormi bir-regolamenti dwar rikonoxximent li jaghtu lill-persuni fil-lokal. |

6.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2227/11/I, 46/2239/11/I, 46/2245/11/I, 46/2258/11/I, 46/2259/11/I, 46/2260/11/I, 46/2338/11/I u 46/2339/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli responsabbli minn attivitajiet socjali u anke Jum Pembroke ppropona li l-Kunsill jifformola din is-sistema bhal m'ghandhom dawn il-Kunsilli biex jigu onorata dawk il-persuni/entitajiet li l-Kunsill jahseb li jixirqilhom gieh.

6.32. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/2298/11/O** 14/04/2011 | Default notice li l-Kunsill hareg lill-kuntrattur Philip Seguna minhabba nuqqasijiet fil-kuntratt. |

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2298/11/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ghada li saret din l-ittra l-Kuntrattur gab skip gdida kif kien mitlub f'din l-ittra li jaghmel u b'dispjacir tlett ijiem wara (20 ta' April) xi hadd rega' haraqlu ohra. Il-kelliem qal li l-kuntrattur kien infurmah li kien ser jirrispondi l-ittra tal-Kunsill fuq il-punti mqajma. Finalment is-Sindku Joe Zammit qal li wara li l-Kunsill jircievi l-ittra risposta mill-kuntrattur din titla' quddiem il-Kunsill.

6.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li bhala Kunsilliera kemm hija kif ukoll il-kollega taghha ghandhom jigu nfurmata minn qabel li ser tinhareg Default Notice lill-kuntrattur. Il-kelliema qalet ukoll li biex tinhareg Default Notice ghandha tigi diskussa fil-Kunsill.

6.36. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-Default Notice nharget fuq talba u nsistenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn il-Vici Sindku nsista l'immedjatament nhar il-Hamis 14 ta' April fejn filghodu wasal il-Kunsill u ghamel it-talba tieghu. Il-kelliem qal li huwa kien ikkomunika mas-Sindku Joe Zammit u dan ukoll approva din it-talba. Il-kelliem qal li ghalkemm m'hemm xejn stipulat fil-ligi , huwa kien irrakkomanda lis-Sindku Joe Zammit u lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli biex qabel jinhareg id-Default Notice, din tigi diskussa w approvata fil-laqgha tal-Kunsill sabiex ikun hemm kunsens shih. Il-kelliem qal li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li bhala l-Kunsillier responsabbli mill-Gbir ta' l-Iskart kif ukoll fid-dawl li m'hemmx indikat obbligu li dan jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill huwa talab u ta struzzjonijiet li jinhareg id-Default Notice kif fil-fatt sar.

6.37. Wara diskussjoni li kien hemm, is-Sindku Joe Zammit irrimarka li ghal darb'ohra, meta jkun ser jinhareg Default Notice, dan ser jitressaq waqt laqgha tal-Kunsill. Il-kelliem qal ukoll li din id-Default Notice kienet inharget fuq talba li saret mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

**46/2322/11/I** 14/04/2011 Email minghand is-Sup. Stephen Gatt jinforma lill-Kunsill li fl-opinjoni tieghu ebda vettura la privata u anqas pubblika m'ghandha tithalla tidhol jew tohrog fil-hinijiet indikati fuq it-tabelli li hemm fit-toroq li hemm madwar l-iskola primarja.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2322/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din hija aktar informazzjoni rigward it-talbiet persistenti tar-residenti u b'hekk il-Kunsill ghandu biex jirrispondi. Il-kelliem qal li dan il-kaz ghadu miftuh tant li gie nnutat u kien hemm telefonati minn genituri li sahansitra certi Pulizija ihallu genituri jidhlu fil-hin li mhux suppost u ghalhekk s-Sup. Stephen Gatt ghandu jigi nfurmat b'dan u l-Kunsill jesigi li t-tabelli ghandhom jigu rispettata.

6.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2334/11/I** 15/04/2011 Ittra minghand il-MEPA jinfurmaw lill-Kunsill li rcievew pjanti riveduti ghall-estenzjoni tas-St. Michael Junior School, fuq liema pjanti hemm indikat li l-parkegg li hemm pubbliku qed jissejjah li huwa parkegg riservat ghall-ghalliema u l-minibuses.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2334/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din it-talba tmur il-barra mill-izvilupp ta' l-iskola perse izda ppropona li l-Kunsill ghandu joggezzjona li din il-parti ma tkunx riservata ghall-ghalliema biss. Il-kelliem qal li naturalment min jigi u jipparkja l-ewwel jaghmel hekk fuq bazi ta' first come first served. Rigward il-minibuses ta' l-iskola, iva dawn ghandhom ikollhom dritta kemm fil-hin tad-dhul u hrug ta' l-iskola kif stabbilit minn TM kif diga hemm bhalissa.

6.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.44. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li ssir aktar sorveljanza permezz tal-Gwardjani Lokali biswit St. Catherine High School minhabba li qed ikun hemm kunfuzjoni shiha tat-traffiku.

**46/2348/11/I** 15/04/2011 Ittra minghand il-Kummissjoni Djocesana Zghazagh titlob il-permess tal-Kunsill sabiex bejn it-2 u 3 ta' Lulju jaghmlu uzu mill-parkegg li hemm biswit il-facilitajiet sportivi ta' Pembroke Athleta (off Triq il-Mediterran) fejn ser jorganizzaw lejl ta' talb, diskussjoni u velja fil-Jum Internazzjonali Dinji taz-Zghazagh.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2348/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinghata l-permess kif mitlub kif ukoll ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-organizzaturi biex din l-attivita' tifforma parti mill-attivitajiet ta' Jum Pembroke.

6.46. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2360/11/I** 18/04/2011 Email minghand l-Ispettur Trevor Micallef jirrakkomanda li fid-dawl li qed tizdied il-kriminalita' fl-akwati ta' Triq l-Imhallef William Harding u l-ITS, il-Kunsill izid id-dawl pubbliku fl-akwati, jinzabru s-sigar li hemm fi Triq W. Harding u tigi nstallata xi CCTV.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2360/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ghandu jiehu nota ta' din it-talba specjalment rigward zbir ta' sigar biex ikunu rrangati; issir verifika dwar jekk jistax jizdied dawl pubbliku fl-akwati u dwar ic-CCTV

cameras il-kelliem ippropona li ssir talba lill-Kumitat Kongunt. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob lill-Kumitat Kongunt li tigi nstallata CCTV camera fil-Gnien 4 ta' Lulju, Il-kelliem fakkar li talbiet godda ser ikunu qed jigu diskussa fir-Regjun.

6.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li tul il-gimgha tal-Gimgha l-Kbira, il-Knisja tfiet parti miz-zuntier u b'hekk kien hemm hafna dlam b'detriment ghar-residenti li joqghodu f'Misrah il-Fortizza. Fid-dawl ta' dan il-kelliema pproponiet li l-Kunsill jikseb informazzjoni dwar min ihallas ghal dan id-dawl u jekk hemm bzonn, il-Kunsill jesplora jekk hemm bzonn li jigi nstallat dawl iehor fit-triq.

6.52. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2403/11/I** 19/04/2011 — Email minghand Transport Malta jinfurmaw lill-Kunsill li mhux qed jipprocessaw talbiet tal-Kunsill Lokali Pembroke minhabba Enforcement li hemm fuq il-linji tat-traffiku li saru fi Triq Mons. Alfredo Mifsud.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2403/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li xi resident appella mid-decizjoni li kellu jiehu l-Kunsill. Ghalhekk il-kelliem ippropona biex il-Kunsill jikteb bi protesta li jekk huwa minhabba f'dan allura l-Kunsill ghandu jkun infurmat fuq x'hiex qed jintlaqat minn din il-mottivazzjoni u ghaliex. Is-Sindku Joe Zammit qal li mhux sew li l-Kunsill jehel minhabba appell ta' haddiehor u jekk il-Kunsill ghadu ma ssodisfax lil TM, il-Kunsill ghandu jkun infurmat ghaliex.

6.55. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2414/11/I** 20/04/2011 — Email minghand l-Accountant Romina Perici Ferrante tinforma lill-Kunsill bil-kummenti taghha ghala kienet qed titlob hlas biex tattendi ghall-laqghat tal-Kunsill.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2414/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li t-tnaqqis imsemmi fl-email sar minnaha taghha stess biex tkun favorevoli ghall-konsiderazzjoni tal-Kunsill u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jibqa' jsostni l-punt li dan huwa parti mis-servizz offrut lill-Kunsill. Il-kelliem zied li l-ispjega tar-rapport taghmel parti ntegrali mis-servizz mitlub mill-Kunsill ghalkemm mhux specifikament imnizzel.

6.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2451/11/I** 21/04/2011 — Kwotazzjoni minghand Arthur & John Garage ghal trasport ta' 49 persuna mis-Santana Hotel lejn il-Kunsill u lura ghall-prezz ta' €120.00 inkluz il-Vat.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2451/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni, liema kwotazzjoni giet riveduta ghal €100 inkluz il-Vat. Il-kelliem ippropona li jintuza s-servizz ukoll ghall-istess prezz ghall-attivita' li ser issir nhar il-Gimgha 29 ta' April 2011.

6.61. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2473/11/I** 25/04/2011 — Email minghand il-Project Leader ta' l-OSDDT MED jinfurmaw lill-Kunsill li sa qabel nhar il-Hamis 28 ta' April il-Kunsill ghandu jissottometti kopja tad-dokumenti kollha ccertifikati mill-Udituri.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2473/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2483/11/I** 25/04/2011 — Ittra minghand l-AKL jinforma lill-Kunsill li s-seduta li jmiss ta' l-Appell Mario Mallia vs Kunsill Lokali Pembroke ser tkompli nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju 2011 f'12.00pm.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2483/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2491/11/I** 25/04/2011 — Email minghand l-ITS (il-kumpanija li jipprovdu s-Sage) jipproponu tibdil fis-Support Agreement, liema proposti jikkoncernaw tibdil fil-mizati u l-hin li jinghata fih is-servizz.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2491/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-kumpanija tissupplixxi s-servizz tas-Sage lill-maggoranza ta' Kunsilli Lokali fejn ghas-servizz hemm Support Agreement, liema ftehim jiswa' €150.00 fis-sena u jinkludi 5 sieghat ta' Support. It-tibdil propost huwa li l-Kunsill jekk irid jista' jixtri bundle ta' 5 sieghat ohra extra bir-rata ta €35.00 is-siegha. Jekk dan ma jsirx u l-Kunsill jigi bzonn is-servizz, ladarba jintuzaw il-5 sieghat, il-prezz ikun ta' €50.00 ghal kull siegha. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill igedded is-Support Agreement.

6.66. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2497/11/I** 25/04/2011 — Ittra minghand il-Luxol Handball Club jitlob ghajnuna minghand il-Kunsill sabiex jinstab post minn fejn jistghu joperaw kif ukoll qed jitlob dwar jekk huwiex possibbli li l-Kunsill ihallas ghall-coaches u flokkijiet tat-tim.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2497/11/I** il-Vici Sindku responsabbli mill-isports ippropona li dawn jigu nfurmati li l-Kunsill ma jistax jaghti sponsors jew donazzjoni inkind skond l-ATT tal-Kunsilli Lokali.

6.69. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill ghandu jikkomunika mal-KMS dwar x'possibilita' jista' jkun hemm ta' finanzjament.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2536/11/I** 27/04/2011 — Ittra minghand is-sur Ivan Abela jilmenta mal-Kunsill li f'sena shiha ma nghata ebda xoghol ghalkemm kien hemm xoghol li suppost sar minnu u sar minn kuntratturi ohra. Fid-dawl ta' dan is-sur Abela nforma lill-Kunsill li ma kienx lest li jgedded il-Garanzija Bankarja jekk mhux ser jinghata xoghol x'jaghmel.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2536/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntrattur jigi nfurmat li skond il-legalita' minhabba li l-Garanzija Bankarja hija skaduta l-kuntratt huwa null u ghalhekk m'ghadx fadal rabta kuntrattwali bejn iz-zewg nahat. Dwar il-kaz tal-J&K Contractors il-kelliem qal li huwa rrelevanti minhabba li x-xoghol tal-J&K Contractors huwa kopert b'kuntratt differenti apparti li x-xoghol konness mal-funtana kien gie avvicinat minhabba li kienet l-istess kumpanija li ghamlet l-installazzjoni originalment. Il-kelliem ippropona li l-kuntratt tal-Handyman ghandu jerga' jinhareg meta jinhargu t-tenders l-ohra.

6.72. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2537/11/I** 27/04/2011 Ittra minghand Ms. Clara Vassallo tilmenta li nhar it-Tlieta 26 ta' April sar hafna storbju u daqq ta' hornijiet sa tard bil-lejl li kien gej mill-kumpless sportiv fi Triq Tunis waqt il-loghob tal-futbol.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2537/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-persuna ghandha tigi nfurmata li ghandha taghmel rapport lill-Pulizija u wara tinforma lill-Kunsill bir-rapport li tkun ghamlet.

6.75. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.77. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li nhar il-Hadd 17 ta' April waqt li kien il-Pembroke Athleta Sports Club isegwi lit-tifel tieghu fil-hin liberu, gie avvicinat minn Ms. Yvonne Debono (Segretarja tan-Nursery u Ass. Segretarja tal-Kumitat tal-Klabb tal-Futbol), fejn din staqsiet fuq x'hiex kienet il-korrispondenza li l-klabb kien ircieva minghand il-Kunsill. Il-kelliem infurmha li l-korrispondenza kienet dwar ilment li tressaq waqt il-laqgha tal-Kunsill dwar skart li johrog il-barman u l-iskart li thalla mill-istess persuna minn bar li rama waqt il-maratona tal-giri l-gimgha ta' qabel. Il-kelliem qal li f'dan il-waqt huwa gie mwiddeb biex ma jkompliex jaghmel hsara lill-klabb u jkun ahjar jekk ma jikkummentax fil-Kunsill. Il-kelliem qal li huwa kien infurmha li l-ewwel u qabel kollox huwa mpjegat mal-Kunsill u ghalhekk ma jistax ihallat id-dover ta' l-impjieg mal-passatemp tat-tifel. F'dawn il-waqt il-kelliem qal li Ms. Debono rrikorriet lejn il-Barman tal-Klabb fejn fil-prezenza ta' diversi persuni li kien hemm fil-klabb irrimarkat, li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien irrapurtah lill-Kunsill li qed ihammeg. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal lil Ms. Debono li dan ma kienx minnu izda hija nsistiet li dik hija l-informazzjoni li kellha mill-Kunsill. Kien hawn li huwa talabha sabiex kif pubblikament kienet qed taghmel dawn l-akkuzi, ssemmi min kien qal dan il-kliem u stedinha tkellem lis-Sindku Joe Zammit fil-prezenza tieghu dak il-hin stess. Fil-fatt is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li dak il-hin ikkomunika permezz tal-mobile mas-Sindku Joe Zammit izda Ms. Debono rrifjutat li tkellem lis-Sindku u dan ta' l-ahhar fuq talba tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ikkomunika mal-barman sabiex jigi spjegat lilu dak kollu li gara. Issa fd-dawl ta' dan kollu s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill sabiex il-Kunsill jikkomunika ma' Ms. Debono jew rapprezentant iehor tal-klabb halli jew isostu l-allegazzjonijiet li ghamlet jew tirtirhom b'apologija pubblika man-nies li kienu prezenti. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal ukoll li dawk prezenti kienu lesti jsostnu dak kollu li kien qal.

6.78. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jikkomunika huwa direttament ma' Ms. Debono fejn jinforma lis-sinjura Debono li huwa (is-Segretarju Ezekuttiv) kien ghamel stqarrija lill-Kunsill ta' dak li gara.

6.79. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li fil-jiem li gejja ser jibda xoghol ta' manutenzjoni fuq il-funtana li hemm fil-bitha ta' Juno Flats liema xoghol ser isir mill-haddiem li ghandu l-Kunsill assenjat mill-ETC u resident minn Juno Flats li ser ikun qed jghin voluntarjament. Il-kelliem qal li l-unika spiza ghall-Kunsill ser tkun il-materjal li ser jintuza bhal zebgha u materjal simili.

6.80. Fit-8.18pm, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha tal-Kunsill tigi aggornata ghal nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju 2011 fil-5.30pm.

6.81. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.82. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur, il-Kunsillier Lauro Fava astjena filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.83. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.84. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li kien astjena minhabba li huwa mhux ser ikun jista' jattendi minhabba li ser ikun impenjat bl-ezamijiet. Il-kelliem talab li jkun skuzat ghal din il-laqgha.

6.85. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kienet ivvutat kontra minhabba li wisq probabbli hija mhux ser tkun tista' tattendi minhabba mpenji ohra li diga ghamlet.

6.86. Il-laqgha giet aggornata fit-8.20pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |

**Laqgha Numru 11/K6/2011 - Tkomplija**

**Introduzzjoni**

Tkomplija tal-Hdax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat **(li waslet fil-5.45pm)** u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava **(Ara dok. M)** kien skuzat.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-19 ta' April 2011. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 10/K6/2011.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 10/K6/2011.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Kwotazzjoni 21/2010, Tender 01 sa 04/2011, Kwotazzjoni 01 sa 13/2011 u Bridge Loan.**
10. **Hrug t'offerti li jagħlqu nhar l-ahhar ta' Novembru 2011.**
11. **Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2011.**
12. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
13. **Materji ohra.**

## 06. Korrispondenza.

6.87. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-7 ta' April u t-3 ta' Mejju 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2535/11/I** 27/04/2011 — Stima minghand is-sur Jason Grech ghall-provvista u l-installazzjoni ta' 30kva 3phs stabilizer ghall-prezz ta' €1,410.10.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2535/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill din ghalissa mhux ser tigi kkunsidrata.

6.89. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2550/11/I** 27/04/2011 Lista ta' kotba minghand Wise Owl li jiswew €400 izda qed joffru offerta li jinbieghu nofs prezz, jigifieri €200.

6.91. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2550/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill din ghalissa mhux ser tigi kkunsidrata.

6.92. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.93. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2655/11/I** 02/05/2011 Email minghand l-Ing. Fredrick Azzopardi f'isem F. Azzopardi & Associates Ltd. jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill li dwar Tender 04/2011, il-kumpanija kompetitrici tieghu possibilment inkludiet esperti li huma diga nvoluti fil-progett u ghalhekk qal li jhoss li jista' jaghti lok ta' konflitt t'interess.

6.94. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2655/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li diga kien ikkomunika ma' l-Avukat tal-Kunsill ghall-parir legali.

6.95. Kien hemm qbil l'issir pressjoni ma' l-Avukat sabiex tinghata risposta kemm jista' jkun malajr.

**46/2666/11/I** 02/05/2011 Email minghand l-AKL dwar il-Polza ta' l-Assigurazzjoni fuq is-Sahha ghall-prezz ta' €37.00 ghal kull persuna.

6.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2666/11/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li fid-dawl li kien hemm bidla fil-kumpanija, minhabba lmenti li kien hemm mill-membri tal-Kunsill mal-kumpanija precedenti, huwa ppropona l'apparti l-impjegati tal-Kunsill ghandhom jigu nkluzi wkoll il-membri tal-Kunsill f'din l-iskema.

6.97. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha mal-kumpanija ghal aktar informazzjoni.

6.98. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2678/11/I** 02/05/2011 Ittra minghand il-MIEMA jitolbu Support Letter minghand il-Kunsill ghall-progett li qed jaghmlu ta' l-EU bit-titlu – LOCO-motives: LOCAL Authorities, SME's and CONSUMERs: good motives for energy saving.

6.99. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2678/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba sakemm ma jkunx hemm involuti finanzi.

6.100. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.101. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' l-LES.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrakkomanda li l-Kunsill jibda jahseb kemm jista' jkun malajr fuq l-attivitajiet ta' Jum Pembroke 2011 halli jekk hemm bzonn li jingabru kwotazzjonijiet, ikun hemm bizzejjed zmien.

## 09. Kwotazzjoni 21/2010, Tender 01/2011 u Kwotazzjoni 01 sa 11/2011.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-Internal Memo 09/2011 rigward Kwotazzjoni 01/2011 **(Ara dok N u O)**, ghal-Internal Memo 10/2011 rigward Kwotazzjoni 02/2011 **(Ara dok P u Q)**, ghal-Internal Memo 26/2011 rigward Tender 01/2011 u Kwotazzjonijiet minn 03 sa 11/2011 **(Ara dok R)** u ghal-Internal Memo 34/2011 rigward Tender 02, 03 u 04/2011, Kwotazzjonijiet 12 sa 13/2011 u l-Facilita' ta' Bridge Loan **(Ara dok S)** u wara ippropona li tigi sospiza l-laqgha sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat inghaqdet fil-laqgha fil-5.45pm wara li skuzat ruhha li waslet tard.***

***9.05. Il-laqgha giet sospiza fil-5.45pm.***

***9.06. Il-laqgha tkompliet fis-7.00pm.***

***9.07. Fis-7.00pm, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat minhabba l'iddikjara li kellu nteress pekunarju u halla l-kamra.***

9.08. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 01/2011 – Removal and Cart Away of Palm Trees** tinghata lis-sur **Carmel Mazzitelli** ghat-tnehhija ta' palm sa 1 metru u ghall-palm itwal minn 3 metri, filwaqt li tintaghzel l-offerta tas-sinjuri **Robert u Georgina Ciantar** ghat-tnehhija ta' palm t'aktar minn 2 metri izda anqas minn 3 metri, minhabba li l-offerti taghhom huma l-aktar vantagguzi. Dwar is-sur Carmel Mazzitelli l-kumment tal-Bord kien li qed jintghazel ukoll minhabba li fil-passat ix-xoghol tieghu kien impekkabbli. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.11. Fis-7.05pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega' dahal ghall-laqgha.***

9.12. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 02/2011 – Resurfacing of Roads - PPP** tinghata lill-kumpanija **Bonnici Brothers Contractors Limited** u jsir ix-xoghol kif propost u ssuggerit mill-Perit tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.15. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 03/2011 – Provison of External Expertise - OSDDT MED**

li l-Kunsill jiddiskuti dawn it-tenders wara li l-Kunsill jircievi l-parir legali ta' l-Avukat tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.18. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 04/2011 – Provison of External Expertise - MEDSTRATEGY MED** li l-Kunsill jiddiskuti dawn it-tenders wara li l-Kunsill jircievi l-parir legali ta' l-Avukat tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.21. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 01/2011 – Servizz ta' photocopying** jigu diskussa f'xi laqgha ohra tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord u zied li ghalissa l-Kunsill ghandu jibqa' ghaddej kif kien qabel.

9.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.24. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 02/2011 – Provvista ta' hadid,** ladarba l-Kunsill ikollu l-fondi necessarja tinghata lill-kumpanija **Polymesh Limited** ghall-materjal kollu kwotat kif ukoll il-Hollow Section jinxtraw minghand il-kumpanija **JM Vassallo Vibro Steel Ltd.** minhabba li l-offerti taghhom huma l-aktar vantagguzi. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord u din titwettaq meta l-Kunsill ikollu l-finanzi necessarja.

9.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.27. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 03/2011 – Provvista ta' karta ghall-photocopy** tinghata lill-kumpanija **Fortuna Enterprises Ltd.** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.28. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.30. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 04/2011 – 2 Imwejjed ta' l-injam (picnic tables)** tinghata lill-kumpanija **M Quip Co. Ltd.** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.32. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.33. Il-mozzjoni ghaddiet.

9.34. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 05/2011 – Stampar ta' biljetti ghall-attivitajiet** tinghata lill-kumpanija **Dormax Press Co. Ltd.** u jsiru Black & White. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.37. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill dwar **Kwotazzjoni 06/2011 – Provvista, garr u thawwil ta' sigar tal-palm** , il-Kunsill kien diga approva li jitwaqqaf il-process minhabba li d-Dipartiment ma kienx qed jippermetti dan it-tip ta' xoghol.

9.38. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 07/2011 – Organising computer courses (computer awareness and ECDL modules)** ghandu jintalab il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex il-Kunsill ikun jista' jibghat l-informazzjoni relatata taz-zewg kumpaniji fid-dajr halli jkunu r-residenti stess li jaghzlu ghand min jixtiequ jmorru jaghmlu l-kors**.** Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.40. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.41. Il-mozzjoni ghaddiet.

9.42. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 08/2011 – Organising Health & Safety courses** tinghata lill-kumpanija **AME Health & Safety Services Ltd.** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.44. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.45. Il-mozzjoni ghaddiet.

9.46. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 09/2011 – Organising First Aid courses** tinghata lill-kumpanija **AME Health & Safety Services Ltd.** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.48. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.49. Il-mozzjoni ghaddiet.

9.50. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 10/2011 – Organising of Craft course, including lace, ganutell, french beading, beaded jewellery, card making, candle decorating, monastery work & stencilling** ma tergax tinhareg wara li ma kienx hemm konkorrenza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.51. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.53. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 11/2011 – Organising ethical manners and behaviour course** ma tergax tohrog wara li ma kinex hemm konkorrenza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.56. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 12/2011 – Financial Audit Services - Financial claim MEDSTRATEGY MED** tinghata lill-kumpanija **PKF Accountants + Business Advisors** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.57. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.59. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 13/2011 – Financial Audit Services - Financial claim OSDDT MED** tinghata lill-kumpanija **PKF Accountants + Business Advisors** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.60. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.62. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li l-**Facilita' ta' Bridge Loan** tinghata lill-kumpanija **Volksbank Malta Ltd.** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.63. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Hrug t'offerti li jaghlqu nhar l-ahhar ta' Novembru 2011.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jaghti rendikont tat-tenders li ser jiskadu.

10.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-tenders **01/2008** - Professional Services of an Architect & Civil Engineer; **02/2008** - Tender Upkeep, Maintenance, Construction and Reconstruction of Roads & Pavements; **03/2008** - Tender Upkeep, Maintenance, Construction and Reconstruction of Roads; **04/2008** - Tender Cleaning and Embelishment of Urban, Non Urban and open areas within Pembroke Boundaries; **05/2008** - Tender Upkeep and Maintenance of Traffic Signs **u 06/2008** - Tender for Upkeep and Maintenance of Parks & Gardens, ser jiskadu kollha fit-30 ta' Novembru 2011, wara li ghaddew il-perjodu ta' tlett snin. Il-kelliem informa lill-Kunsill li tender **05/2009** - Tender for Collection of Bulky Refuse u **06/2009** - Tender for Watering of trees, ser jiskadu fit-30 ta' Novembru 2011 izda jistghu jigu mgedda ghall-perjodu ta' sena ohra jigifieri sat-30 ta' Novembru 2012 kif ukoll li tender **03/2010** Tender for the Upkeep & Maintenance of Road Markings, ser jiskadi fit-30 ta' Novembru 2011 izda jista' jigi mgedded ghall-perjodu ta' sena ohra jigifieri sat-30 ta' Novembru 2012.

10.03. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsiliera li dawn it-tenders ser ikunu kollha ghall-iskrutinju tal-Kunsilliera biex fil-laqgha tal-Kunsill tat-30 ta' Gunju jigu diskussa u jekk hemm bzonn isiru l-emendi minn qabel, liema emendi ghandhom jintbaghtu kemm jista' jkun malajr halli s-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff ikollhom zmien bizzejjed biex jippreparaw ix-xoghol kollu necessarju halli johorgu mill-gdid. Il-kelliem qal ukoll li ser ikun qieghed iressaq proposta biex il-Kunsill johrog kuntratt gdid ghal servizz ta' works manager tal-Kunsill kif kien gie diskuss lura fis-sena 2005.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok T, U, V u W)**

12.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li b'effett immedjat, fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, qed jinbidel il-format, liema format ma jinkludiex dettalji tad-dhul li jkun hemm minn perjodu s'iehor. Il-kelliem qal li ghalhekk dan ir-rendikont, ghalkemm mhux mitlub, ser jibda jesibixxih fuq skeda apparti. **(Ara dok X u Y)**

12.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr ta' Green Pak.

12.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Materji ohra.

13.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill ghandu jkollu policy dwar min, meta u kif ghandhom jattendu persuni mill-Kunsill ghall-funeral li jkun hemm minn zmien ghal zmien.

13.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ha nota.

13.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li r-residenti tal-blokki tal-Gvern ta' zmien is-servizzi ghandhom jigu nfurmati permezz ta' cirkulari bl-inizjattiva li qed tiehu l-Awtorita' tad-Djar f'dak li ghandu x'jaqsam iz-zamma u l-manutenzjoni tal-komun.

13.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-MCA li s-servizz tal-WIFI li ghandu bhalissa l-Kunsill (Go) huwa batut meta komparat ma' dak li kien hemm qabel (Melita).

13.07. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinxtara zebgha tal-pools sabiex tinzebagh il-funtana ta' Juno flats. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandha tinxtara zebgha sabiex tinzebagh l-art ta' l-istess bitha.

13.10. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li jsir coffee morning ghal zmien Jum l-Omm.

13.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa ser ikun imsiefer flimkien mas-Sindku Joe Zammit fuq Konferenza tal-ECAD. Il-kelliem qal li bhala l-Kunsillier responsabbli mill-attivitajiet, irrimarka li jhoss li ma tistax issir l-attivita' minhabbai li ma fadalx zmien. Il-kelliem qal li attivita' bhal din missha giet diskussa zmien ilu mil-Kunsill u mhux issa gimgha qabel.

***13.14. Fis-7.45pm il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra wara l-irrimarkat li hassitha dispjacuta ghall-dawn il-kummenti fejn stqarret li thoss li dan kien nuqqas ta' rispett.***

13.15. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li tigi rrangata l-bieba tal-horza tal-bir li hemm fi Triq San Patrizju f'Pembroke.

13.16. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u qal ser jara x'jista' jaghmel huwa stess.

13.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.18. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqghat tal-Kunsill sa l-ahhar tas-sena 2011 ser jinzammu: l-Erbgha 18/05/2011, l-Erbgha 08/06/2011, il-Hamis 30/06/2011, l-Erbgha 20/07/2011, l-Erbgha 10/08/2011, l-Erbgha 31/08/2011, il-Hamis 22/09/2011, l-Erbgha 12/10/2011, l-Erbgha 02/11/2011, l-Erbgha 23/11/2011 u l-Erbgha 14/12/2011.

13.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel riferenza ghall-laqgha li ser issir bejn it-30 ta' Mejju u t-2 ta' Gunju 2011 tal-progett OSDDT MED fejn talab lill-Kunsill biex jigu ndikati l-lukandi li ser isir komunikat maghhom sabiex jipprovdu dak necessarju.

13.22. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jintalbu stimi minghand l-SAS Radisson, Corinthia San Gorg Resort u Westin Dragonara.

13.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.25. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ircieva talba minghand il-Familja Busuttil li joqghodu Triq l-Imhallef William harding sabiex isir patching quddiem id-dar taghhom minhabba li kull meta taghmel ix-xita tinzamm ghadira ilma.

13.26. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ha nota u meta jsir ix-xoghol ta' patching fil-lokal din tigi rrangata.

13.27. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel riferenza ghall-Konferenza ta' l-ECAD li ser issir bejn il-11 u l-14 ta' Mejju fejn ser jippartecipaw is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, fejn informa lill-Kunsill, li l-Kunsill kien alloka s-somma ta' €1,500 ghal din il-mawra minn fondi li l-Kunsill kien ircieva mill-LES. Il-kelliem qal li s'issa diga ntefqu €822.95 fuq biljetti ta' l-ajru u assigurazzjoni u ghad fadal bilanc ta' €677.05, liema bilanc mhux bizzejjed biex ikopri s-subsistance allowance (€227.00+€227.00=€454.00) u l-akkomodazzjoni (€80*2 persons*4 nights = €640.00), total ta' €1,094.00 apparti spejjez ohra li jista' jkun hemm.

13.28. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jinghata l-fondi allokati lilu, jigifieri akkomodazzjoni ta' 4 t'iljieli u s-subsistance allowance ta' 3 t'ijiem. Il-kelliem qal li jibqa' bilanc ta' €130.00 li ppropona li jehodhom huwa u l-kumplament jigifieri €227.00 + €190.00, iddikjara preavviz lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss ser jaghmel rizoluzzjoni specjali biex tigi emendata l-mozzjoni precedenti u jkun jista' jithallas huwa wkoll, inkluz spejjez ohra ta' tragit li jistghu jinqalghu bhat-tragit tas-Sibt min Varna ghal Sofia.

13.29. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.31. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-kummenti li kien ghamel fl-ewwel parti tal-laqgha vis-a-vis il-gbir ta' kwotazzjonijiet fejn kien qal li jekk hemm bzonn jingabru kwotazzjonijiet minghand kull min jaghti servizz u huwa mnizzel fil-yellow pages. Il-kelliem qal li wara verifika li ghamel mal-Proceduri Finanzjarji ma jhossx li ghandhom jingabru hafna kwotazzjonijiet meta l-Kunsill ghandu jimxi ma' l-istanding orders fejn sa €1,164.69 tista' tinghata direct order u bejn €1,165.00 u €4,658.75 ghandhom jingabru mhux anqas minn 3 kwotazzjonijiet. Il-kelliem qal li l-gbir tal-kwotazzjonijiet ghandu jsir mis-Segretarju Ezekuttiv li qal li huwa cert li jaghmel dan bl-akbar integreta u rgulija. Il-kelliem qal li fil-Kunsill ghandu jieqaf li jsiru nsinwazzonijiet infondati u akkuzi mill-membri tal-Kunsill u nsista li dawn mhux ser jigu aktar ittollerati. Finalment il-kelliem qal li ser jkun qed jitlob lil min jaghmel dawn l-istqarrijiet biex jissostanzjhom.

13.32. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ukoll ghall-dak li semma s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fl-ewwel parti tal-laqgha dwar l-argument li gara ma' Ms. Yvonne Debono ta' Pembroke Athleta fejn qal li l-Barman tal-klabb ikkonfermalu dak li kienet qalet Yvonne Debono fil-konfront tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, liema kliem qal li apparti mhux xieraq, huwa fatt li m'huwiex minnu.

13.33. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri l-ktieb ippubblikat mill-SKS bit-titlu Storja tal-Partit Laburista biex jinzamm fil-librerija tal-Kunsill ghal prezz ta' €15.00.

13.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.36. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.20pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 18 ta' Mejju 2011 fil-5.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***